SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

19 ta' Lulju 2012 *

"Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-BĊE — Artikolu 36 — Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej — Artikoli 13, 15 u 23 — Ftehim dwar is-sede tal-BĊE — Artikolu 15 — Applikabbiltà għall-membri tal-persunal tal-BĊE tad-dispożizzjonijiet tad-dritt soċjali Ġermaniż li jipprevedu allowance tal-ġenituri"

Fil-Kawża C-62/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hessisches Landessozialgericht (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Frar 2011, fil-proċedura

Land Hessen

vs

Florence Feyerbacher,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano, J. N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts u J.-C. Bonichot, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann (Relatur), A. Ó Caoimh, L. Bay Larsen, T. von Danwitz, E. Jarašiūnas u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Florence Feyerbacher, minnha nnifisha,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Clotuche-Duvieusart u B. Eggers, bħala aġenti,

— għall-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), minn E. Carlini u M. López Torres, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2012,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Ftehim tat-18 ta' Settembru 1998 konkluż bejn il-Gvern Ġermaniż u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar is-sede ta' din l-istituzzjoni (BGB1. 1998 II, p. 2745, iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar is-sede"), b'mod partikolari dwar l-Artikolu 15 ta' dan il-ftehim, moqri flimkien mal-Artikolu 36 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU 1992, C 191, p. 68), fil-verżjoni tiegħu annessa mat-Trattat KE (iktar 'il quddiem il-"Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Florence Feyerbacher u l-Land Hessen rigward rifjut ta' għoti ta' allowance tal-ġenituri.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet

3 Skont l-Artikolu 13 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965 (ĠU 1967, 152, p. 13), fil-verżjoni tiegħu annessa mat-Trattati KE u Euratom, applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet"):

"Uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet ikunu suġġetti għal taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa lilhom mill-Komunitajiet, skond il-kondizzjonijiet u l-proċedura stipulata mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

Ikunu eżenti minn taxxi nazzjonali fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa mill-Komunitajiet."

4 L-Artikolu 15 ta' dan il-Protokoll kien jipprevedi:

"Il-Kunsill għandu filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni jistipula l-iskema ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u għall-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet."

5 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tal-imsemmi Protokoll kien jipprovdi:

"Dan il-Protokoll għandu jkun japplika wkoll għall-Bank Ċentrali Ewropew [BĊE], għall-membri ta' l-organi tiegħu u għall-persunal tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll fuq l-Istatut tas-[SEBĊ u tal-BĊE].

Il-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE

6 L-Artikolu 36.1 u 36.2 tal-Protokoll dwar l-istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, kien ifformulat kif ġej:

"36.1 Il-Kunsill Regolatorju, fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, għandu jistabbilixxi il-kondizzjonijiet ta' l-impieg tal-impjegati tal-BĊE.

36.2 Il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha kompetenza f'kull tilwima bejn il-BĊE u l-impjegati tiegħu fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet previsti mir-reġim li japplika għalihom."

Il-Ftehim dwar is-sede

7 Skont il-ħames premessa tal-preambolu tal-Ftehim dwar is-sede, dan għandu l-għan li "jiddefinixxi l-privileġġi u l-immunitajiet tal-[BĊE] fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja skont il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej."

8 Skont is-sitt paragrafu ta' dan l-istess preambolu, dawn il-ftehim ġie konkluż b'mod partikolari "fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi żgurat li l-BĊE, fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ikun jista' jilħaq l-għanijiet tiegħu u jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod sħiħ u b'mod effiċjenti".

9 Taħt it-Titolu "Definizzjonijiet", l-Artikolu 1(9) tal-imsemmi ftehim jippreċiża:

"'membri tal-persunal' tfisser membri tal-persunal tal-BĊE fis-sens tal-Artikolu 4c tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69, tal-25 ta' Marzu 1969, li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej lil liema d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet japplikaw (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 39), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, KEFA, Euratom) Nru 1198/98, tal-5 ta' Ġunju 1998."

10 Taħt it-titolu "Inapplikabbiltà tad-dritt industrijali u soċjali Ġermaniż", l-Artikolu 15 tal-istess ftehim jipprovdi:

"Fid-dawl tal-Artikolu 36 [tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE], il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-membri tal-Bord Eżekuttiv u tal-membri tal-persunal ma humiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet sostantivi u proċedurali tad-dritt industrijali u tad-dritt soċjali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja."

Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE

11 Abbażi b'mod partikolari tal-Artikolu 36(1) tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE adotta l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Bank Ċentrali Ewropew ("Conditions of Employment for Staff of the European Central Bank") (iktar 'il quddiem il-"kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE"). L-Artikolu 9(a) u (c) tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE jipprovdi:

"Ir-relazzjonijiet tal-impjieg bejn il-BĊE u l-membri tal-persunal tiegħu huma rregolati minn kuntratti tax-xogħol konklużi skont dawn il-kundizzjonijiet tal-impjieg. Ir-regoli applikabbli għall-persunal adottati mill-Bord Eżekuttiv għandhom jippreċiżaw il-modalitajiet ta' dawn il-kundizzjonijiet tal-impjieg.

[...]

Il-kundizzjonijiet tal-impjieg ma huma rregolati minn ebda dritt nazzjonali partikolari [...]"

12 L-Artikoli 21, 24 u 36 tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE jippreċiżaw li l-allowances kollha ċċitati hemmhekk "jikkumplimentaw l-allowances tal-istess natura li ġejjin minn sorsi oħra. Il-membri tal-persunal għandhom jitolbu u jiddikjaraw tali allowances, liema allowances għandhom jitnaqqsu minn dawk li għandhom jitħallsu mill-BĊE".

13 Skont l-Artikolu 29 tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE, il-membri tal-persunal tal-BĊE jibbenefikaw minn leave parentali mhux imħallas. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(11) tar-Regoli applikabbli għall-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew ("European Central Bank Staff Rules"), il-leave parentali jista' jilħaq massimu ta' tliet snin għal kull wild dipendenti, iżda bħala total, l-istess membru tal-persunal ma jistax jikseb iktar minn sitt snin ta' leave parentali. Matul il-leave parentali, il-membru

tal-persunal iżomm id-drittijiet tiegħu għall-allowances għall-ulied dipendenti u għall-allowances tal-iskola kif ukoll id-drittijiet tiegħu għall-pensjoni tal-invalidità u għall-benefiċċji dovuti fil-każ ta' mewt, u dan kollu filwaqt li jkompli jaqa' taħt l-iskema tal-pensjoni tal-BĊE, mingħajr ma jħallas il-kontribuzzjonijiet rilevanti varji. Bl-istess mod, billi jħallas kontribuzzjoni, huwa jibqa' jkun kopert mill-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard u l-iskema tal-inċidenti tal-BĊE.

Id-dritt Ġermaniż

14 L-Artikolu 1(1) tal-Liġi dwar l-allowance tal-ġenituri u dwar il-leave parentali (Bundeselterngeld- und Elternzeitgesetz), tal-5 ta' Diċembru 2006 (BGB1. 2006 I, p. 2748, iktar 'il quddiem il-"BEEG", jipprevedi:

"Għandha dritt għall-allowance tal-ġenituri kull persuna li:

1. ikollha d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħha fil-Ġermanja,

2. tgħix mal-wild tagħha fid-dar tagħha,

3. tieħu ħsieb u teduka dan il-wild, u

4. ma teżerċitax attività professjonali jew attività professjonali full-time."

15 L-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(3) tal-BEEG tipprovdi:

"Il-benefiċċji simili għall-allowance tal-ġenituri li għandha dritt għalihom persuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 1 f'pajjiż barra mill-Ġermanja jew minn korp internazzjonali jew supranazzjonali jitnaqqsu mill-allowance tal-ġenituri sa fejn dawn ikunu previsti għall-istess perijodu u sa fejn ir-regolamenti adottati abbażi tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ma jkunux applikabbli."

16 Skont l-Artikolu 2(1) tal-BEEG, sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-allowance tal-ġenituri, għandu "jittieħed inkunsiderazzjoni [...], skont il-liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul [Einkommensteuergesetz], l-ammont ta' dħul pożittiv taxxabbli fil-Ġermanja".

17 L-Artikoli 30 u 31 tal-ewwel parti tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali — prinċipji ġenerali (Erstes Buch Sozialgesetzbuch — Allgemeiner Teil) jipprevedu:

"Artikolu 30

(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi għandhom japplikaw għal kull persuna li d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

(2) Dan il-Kodiċi ma jipprekludix id-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali jew supranazzjonali. [...]

Artikolu 31

Id-drittijiet u l-obbligi relattivi għall-benefiċċji soċjali ta' dan il-Kodiċi jistgħu biss jiġu stabbiliti, jitwaqqfu, jiġu emendati jew jitħassru jekk huwa rikjest minn liġi jew jekk liġi tawtorizza li dan iseħħ."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 Florence Feyerbacher għandha ċittadinanza Ġermaniża u tgħix fil-Ġermanja, fejn hija eżerċitat attività professjonali li għaliha hija kienet persuna suġġetta għat-taxxa fuq id-dħul u għas-sigurtà soċjali Ġermaniżi.

19 Billi, fil-frattemp, hija saret membru tal-persunal tal-BĊE, bħala tali hija rċeviet salarju suġġett għat-taxxa Komunitarja u, mid-data li fiha hija bdiet taħdem, hija bdiet taqa' taħt il-kundizzjonijiet tal-impjieg stabbiliti minn din l-istituzzjoni, mingħajr ma l-imsemmi salarju jkun suġġett għat-taxxa fuq id-dħul u għas-sigurtà soċjali Ġermaniżi.

20 Wara t-twelid tal-wild tagħha fil-5 ta' Settembru 2008, Florence Feyerbacher ressqet talba quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi sabiex tibbenefika mill-allowance tal-ġenituri prevista bil-BEEG.

21 Florence Feyerbacher sostniet li l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, li jirrigwarda l-"kundizzjonijet tal-impjieg", bl-ebda mod ma kien jeskludi l-għoti ta' tali benefiċċju, billi l-allowance tal-ġenituri ma huwiex iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji ta' sigurtà soċjali li l-Artikolu 15 jeżenta l-persunal tal-BĊE minnhom, iżda huwa ffinanzjat permezz tad-dħul fiskali. Barra minn hekk, f'dan il-każ ma kien hemm ebda kumulu ta' benefiċċji peress li l-BĊE ma jagħtiha ebda allowance ta' dan it-tip.

22 It-talba ta' Florence Feyerbacher ġiet miċħuda permezz tad-deċiżjonijiet tal-Land Hessen tal-4 ta'Diċembru 2008 u tat-8 ta' Jannar 2009, minħabba li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet u skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, il-persunal tal-BĊE ma huwiex suġġett għad-dritt industrijali jew għad-dritt soċjali Ġermaniżi iżda għad-dritt tal-Unjoni, bir-riżultat li l-persuna kkonċernata, li d-dħul tagħha, barra minn hekk, lanqas ma huwa taxxabbli fil-Ġermanja, ma kellha ebda dritt għall-allowance tal-ġenituri.

23 Permezz ta' sentenza tat-30 ta' Settembru 2009, is-Sozialgericht Frankfurt annullat id-deċiżjonijiet tal-Land Hessen u kkundannat lil dan tal-aħħar sabiex jirrikonoxxi lil Florence Feyerbacher id-dritt għall-allowance tal-ġenituri għall-perijodu li jikkorrispondi għall-ewwel tnax-il xahar ta' wara t-twelid tal-wild tagħha.

24 Billi ġiet adita b'appell minn din is-sentenza, il-Hessisches Landessozialgericht tqis li l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) tal-BEEG huma sodisfatti, b'mod li Florence Feyerbacher għandha tibbenefika mill-allowance tal-ġenituri, sakemm ma jiġix stabbilit li l-benefiċċju tagħha f'dan il-każ huwa eskluż bis-saħħa ta' dispożizzjoni speċifika.

25 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 36 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE li jagħmel riferiment għalih, *a priori* jista' jikkostitwixxi tali dispożizzjoni speċifika.

26 Madankollu, l-imsemmija qorti tgħid li dan jista' biss ikun il-każ jekk, l-ewwel nett, dawn id-dispożizzjonijet jieħdu preċedenza fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet li jirriżultaw mid-dritt soċjali Ġermaniż. F'dan ir-rigward għandu wkoll jiġi stabbilit jekk il-Ftehim dwar is-sede jagħmilx parti mid-dritt tal-Unjoni u għaldaqstant ikun jibbenefika mis-supremazija fuq id-dritt intern, jew jekk huwa jikkostitwixxix Ftehim internazzjonali mingħajr valur supranazzjonali li, bis-saħħa tal-liġi nazzjonali li tinkorpora dan il-ftehim, għandu l-istess grad bħal-liġijiet Ġermaniżi formali l-oħra.

27 It-tieni nett, l-imsemmija qorti tosserva li, anki li kieku l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede kellu jibbenefika minn preċedenza fuq id-dritt Ġermaniż, din id-dispożizzjoni tista' teskludi lil Florence Feyerbacher mill-benefiċċju tal-allowance tal-ġenituri biss kemm-il darba l-frażi "kundizzjonijiet tal-impjieg", imsemmija fl-istess dispożizzjoni u fl-Artikolu 36 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE fil-verżjoni tiegħu bil-lingwa Ġermaniża, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tfisser li

d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt Ġermaniż fil-qasam tal-benefiċċji soċjali ma japplikawx għall-membri tal-persunal tal-BĊE, u li dawn jaqgħu taħt is-sigurtà soċjali jew li dawn, kif inhu l-każ tal-allowance tal-ġenituri, huma ffinanzjati mit-taxxa.

28 Issa, il-Hessisches Landessozialgericht tirrileva li f'dan ir-rigward jibqgħu xi dubji sa fejn, jekk tiġi interpretata litteralment, din il-frażi tista' tirreferi biss għall-kundizzjonijiet li fir-rigward tagħhom inħolqot ir-relazzjoni tal-impjieg jew il-kundizzjonijiet-qafas tal-kuntratt tax-xogħol li, f'dan il-każ, jistgħu ċertament jinkludu l-aspetti tar-relazzjoni tal-impjieg li jirrigwardaw is-sistema tas-sigurtà soċjali, iżda mhux neċessarjament benefiċċji soċjali ffinanzjati mit-taxxa u li huma marbuta mal-prinċipju ta' territorjalità.

29 It-tielet nett, il-Hessisches Landessozialgericht tistaqsi dwar il-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede effettivament jikkostitwixxix regola ta' kunflitt li tindika l-kundizzjonijiet tal-impjieg stabbiliti mill-BĊE bħala applikabbli, ħlief għad-dritt tal-Istat ta' residenza ta' Florence Feyerbacher, u jekk, f'każ bħal dan, mis-sentenza tal-20 ta' Mejju 2008, Bosmann (C-352/06, Ġabra p. I-3827) għandux jiġi dedott li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja madankollu tibqa' ħielsa li tapplika l-leġiżlazzjoni tagħha b'mod sħiħ sa fejn hija tagħti biss vantaġġi addizzjonali lill-persuna kkonċernata u ma tikkawżalha ebda inkonvenjent.

30 F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti tistaqsi b'mod partikolari jekk is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2004, My (C-293/03, Ġabra p. I-12013), u tas-16 ta' Frar 2006, Öberg (C-185/04, Ġabra p. I-1453), humiex ta' tali natura li jiddettaw tali approċċ, b'mod partikolari peress li l-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi tenfasizza li, fid-dawl tal-Artikolu 10 KE, ma jistax jiġi aċċettat li leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tista' xxekkel u, għaldaqstant, tiskoraġġixxi l-eżerċizzju ta' attività professjonali fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea billi ċċaħħad lil ħaddiem mit-tgawdija ta' benefiċċji soċjali li minnhom huwa jkun seta' jibbenefika taħt l-iskema nazzjonali tiegħu li kieku huwa ma bediex iwettaq tali attività. Madankollu, għandu jiġi stabbilit jekk il-fatt li l-persunal tal-BĊE huwa eżentat mit-taxxa Ġermaniża fuq is-salarji filwaqt li l-allowance tal-ġenituri hija ffinanzjata mit-taxxa jipprekludix it-traspożizzjoni ta' dan il-kunċett f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

31 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Hessisches Landessozialgericht iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) [Il-Ftehim dwar is-sede] jagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni li għandu preċedenza fuq id-dritt nazzjonali jew inkella jikkostitwixxi trattat [ftehim] internazzjonali?

2) L-Artikolu 15 tal-[F]tehim dwar is-sede, moqri flimkien mal-Artikolu 36 tal-[Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE] għandu jiġi interpretat b'mod strett fis-sens li l-applikabbiltà għall-membri tal-persunal tal-BĊE ta' dispożizzjonijiet tad-dritt soċjali Ġermaniż li jikkonferixxu l-benefiċċju inkwistjoni hija biss eskluża jekk jingħata servizz soċjali paragunabbli mill-BĊE lill-membri tal-persunal tiegħu skont il-[kundizzjonijiet tal-impjieg]?

3) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għat-tieni domanda:

a) Id-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tikkonferixxi allowances tal-familja biss abbażi tal-prinċipju territorjali?

b) Ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja [fil-punti 31 sa 33 tas-sentenza Bosmann, iċċitata iktar 'il fuq] japplika għad-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq? L-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, moqri flimkien mal-Artikolu 36 [tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE], jipprekludi lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mill-poter [mill-fakultà] tagħha li tagħti allowances tal-familja lill-membri tal-persunal tal-BĊE li jirrisjedu fit-territorju tagħha?"

Fuq id-domandi preliminari

32 Permezz ta' dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, moqri flimkien mal-Artikolu 36 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, jipprekludix lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja milli tagħti allowance bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

33 Qabelxejn, għandu jiġi eżaminat l-argument tal-Gvern Ġermaniż, li jgħid li l-fatt li l-Unjoni ma hijiex parti mill-Ftehim dwar is-sede jwassal għall-inammissibbiltà ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

34 Madankollu, dan l-argument ma jistax jintlaqa'. F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li mill-ħames paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim dwar is-sede jirriżulta li dan il-Ftehim ġie konkluż sabiex jiddefinixxi l-privileġġi u l-immunitajiet tal-BĊE fil-Ġermanja skont il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet. F'dan il-kuntest, hekk kif isostnu l-Kummissjoni u l-BĊE, kull ma jagħmel l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede huwa li jimplementa prinċipji stabbiliti bil-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet, b'mod partikolari fl-Artikoli 13, 15 u 23 tiegħu, kif ukoll bil-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, b'mod partikolari fl-Artikolu 36 tiegħu.

35 Fir-rigward tad-domandi preliminari, dawn ma jikkonċernawx il-possibbiltà ta' dritt tal-membri tal-persunal tal-BĊE li jibbenefikaw minn benefiċċji soċjali mill-Istati Membri, iżda pjuttost jikkonċerna l-fakultà ta' dawn tal-aħħar li jagħtu tali benefiċċji.

36 Skont l-Artikolu 13 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet, is-salarji, il-pagi u l-emolumenti mħallsa mill-Komunitajiet lill-uffiċjali u impjegati oħra tagħhom huma eżenti mit-taxxi nazzjonali u huma suġġetti għal taxxa miġbura mill-Komunitajiet.

37 L-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet jipprevedi li l-Kunsill, li jiddeċiedi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jistabbilixxi l-iskema tal-benefiċċji soċjali li huma applikabbli għall-uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet.

38 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tiegħu, il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet japplika għall-BĊE, għall-membri tal-korpi tiegħu u għall-persunal tiegħu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE.

39 L-Artikolu 36(1) tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprovdi li l-Kunsill Regolatorju tal-BĊE jiddeċiedi, fuq proposta tal-Bord Eżekuttiv, l-iskema applikabbli għall-persunal tal-BĊE.

40 Abbażi tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, il-BĊE adotta l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE. Skont dawn tal-aħħar, is-salarji, il-pagi u l-emolumenti mħallsa mill-BĊE lill-persunal tiegħu huma suġġetti għal taxxa li tinġabar għall-benefiċċju tal-Komunitajiet.

41 Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE jistabbilixxu wkoll varjetà ta' benefiċċji soċjali għall-benefiċċju tal-persunal tal-BĊE li huma paragunabbli ma' dawk li huma normalment previsti mill-Istati Membri u li jinkludu b'mod partikolari assigurazzjoni medika, assigurazzjoni li tkopri r-riskji ta' inċidenti, ta' invalidità u ta' mewt, assigurazzjoni għall-qgħad, skema ta' pensjonijiet ta' rtirar kif ukoll diversi allowances tal-familja.

42 B'mod partikolari, mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-allowances tal-familja previsti bil-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE jinkludu allowance tad-dar, allowance għall-ulied dipendenti, allowance għall-iskola, allowance għal tfal li għadhom ma jmorrux skola kif ukoll leave tal-maternità mħallas ta' 20 ġimgħa.

43 Hekk kif jirriżulta mill-punt 12 ta' din is-sentenza, il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE jindikaw li dawn tal-aħħar bl-ebda mod ma huma indipendenti mill-allowances li ġejjin minn sorsi oħra.

44 Huwa f'dan il-kuntest li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju għandhom jiġu eżaminati.

45 F'dan ir-rigward, minkejja li huwa ċertament minnu li l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede jipprekludi lill-Istat fejn tinsab is-sede milli jimponi fuq il-membri tal-persunal tal-BĊE obbligi sostantivi jew proċedurali sabiex jibbenefikaw mill-benefiċċji previsti mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE, l-imsemmi artikolu bl-ebda mod ma jimponi fuq ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, bħala Stat fejn tinsab is-sede, sabiex tipprovdi għall-għoti tal-allowance tal-ġenituri inkwistjoni fil-kawża prinċipali lill-imsemmija membri tal-persunal (ara, b'analoġija, is-sentenzi Bosmann, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27, kif ukoll tat-12 ta' Ġunju 2012, Hudzinski u Wawrzyniak, C-611/10 u C-612/10, punt 45).

46 Bl-istess mod, l-imsemmi artikolu ma jċaħħadx lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li ma tissuġġettax id-dritt għal tali allowance għal xi kundizzjonijiet tal-impjieg jew ta' assigurazzjoni, mill-fakultà li tagħti din l-allowance lill-membri tal-persunal tal-BĊE li jirrisjedu fit-territorju tagħha, sa fejn il-possibbiltà ta' tali għoti tirriżulta effettivament mil-leġiżlazzjoni tagħha u sa fejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni ma jeskludux din il-possibbiltà (ara, b'analoġija, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Bosmann, punti 28, 31 u 32, kif ukoll Hudzinski u Wawrzyniak, punti 48 u 49).

47 Fir-rigward tal-argument invokat mill-BĊE u mill-Kummissjoni li jgħid li l-awtonomija li għandu l-BĊE f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-impjieg jipprekludi li l-allowance inkwistjoni fil-kawża prinċipali titħallas lill-membri tal-persunal tiegħu, ma huwiex ċar kif dan il-ħlas jista' jxekkel id-determinazzjoni awtonoma, mill-BĊE, tal-iskema applikabbli għall-persunal tiegħu.

48 Fid-dawl ta' dak premess, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar is-sede, moqri flimkien mal-Artikolu 36 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, ma jipprekludix lir-Repubblika Federali milli tagħti allowance bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Fuq l-ispejjeż

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 15 tal-Ftehim tat-18 ta' Settembru 1998 konkluż bejn il-Gvern Ġermaniż u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar is-sede ta' din l-istituzzjoni, moqri flimkien mal-Artikolu 36 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, fil-verżjoni tiegħu annessa mat-Trattat KE, ma jipprekludix lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja milli tagħti allowance bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Firem